# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLI A LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 17**

**Avviz Nru 212/00mm**

**Joseph u Tania konjugi Ellul**

**vs**

**Joseph u Josephine konjugi Xuereb u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2000 giet kjamata fil-kawza is-socjeta' "76 The Strand Limited"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-22 ta' Frar 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' erba mija u sitta u ghoxrin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm426.75c) rapprezentanti l-prezz ta' hajt appogg ossia s-sehem minhom dovut lill-atturi, u liema hajt jinsab bejn zewg fondi wiehed proprjeta' tal-konvenuti u l-iehor proprjeta'

tal-atturi u li jinsab gewwa l-Ghadira limiti tal-Mellieha, dana skond l-anness certifikat tal-perit arkitett immarkat Dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Jannar 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-ittra interpellatorja sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:-

1. Fl-ewwel lok l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontradittur f'din il-kawza, billi l-proprjeta' in kwistjoni mhijiex taghhom personalment kif l-atturi jafu jew messhom jafu billi diga' kellhom proceduri fuq l-istess proprjeta' quddiem il-Planning Authority.

2. Illi bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit l-ammont mitlub mhuwiex dovut billi eccessiv u ghola mir-rata legali.

3. Illi konsegwentement l-eccipjenti m'ghandhomx ibaghtu spejjez ta' dawn il-proceduri.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-atturi pprezentata fl-20 ta' Marzu,2001 fejn cedew is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza b'riserva ghal kap ta' l-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2001 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq dan il-kap ta' l-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur xehed illi l-pagament illi rcieva minghand il-konvenut ma kienx jirrifletti l-ammont kollu li kien reklamat fl-avviz. Dana l-ghaliex ir-rata li giet miftiehma bejn il-partijiet giet mahduma bi kriterji differenti oltre dawk illi uza l-attur a fol 2 tal-process. Filwaqt illi skond dan id-dokument l-attur uza rata ta' ghoxrin lira l-qasba (Lm20), il-partijiet ftehmu illi r-rata korretta kellha tkun dik ta' sbatax-il lira (Lm17). Ftehmu fuq din ic-cifra u sar il-hlas. Il-Qorti ghalhekk jidrilha illi l-konvenut kellu ragun joggezzjona illi jhallas l-ammont kif kien qieghed reklamat fl-avviz u gustifikament naqas dan il-pagament u hallas biss meta r-rata uzata kienet dik korretta u mifthiema bejn il-partijiet. Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi l-konvenut m'ghandhux ikun akkolt bl-ispejjez ta' din il-kawza nonostante l-hlas sar fil-mori ta' l-istess.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu akarigu ta' l-atturi.

Anthony Zammit/Dep Reg